# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# Decizjoni Preliminari Numru 2451

Kaz Nru.: 3161/YMS

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn:-

Jean Sebastien Beets

Vs

S4L Goup Limited

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**CHAIRPERSON: Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit**

Illum it-Tnejn, 28 ta' Novembru 2016

**It-TRIBUNAL,**

1. Hu sew li jigi carat f'liema kuntest qed tinghata din id-decizjoni preliminari dwar kaz ta' tkeccija minn impieg fejn l-impjegat qed jghid li hi ngusta u ghalhekk talab rimedju mit-Tribunal Industrijali.

2. Quddiem din il-pretensjoni tar-Rikorrent il-kumpanija Ntimata wiegbet kif gej:-

    *1 Ir-Rikorrent ma kienx impjegat ma' l-intimata izda ma' Aspiriti Recruitment JLT, li hi kumpanija barranija.*
    *2 Peress li din il-kumpanija hi barranija, it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni biex jittratta l-kwistjoni.*
    *3 Ukoll jekk hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet, it-tkeccija saret ghal ragunijiet sufficjenti.*

3. It-Tribunal Industijali, diversament presedut, ta' decizjoni datata 11 ta' Mejju, 2015, li, fil-parti dispozitiva taghha nsibu dan li gej:-

    *"Decizjoni.*

    *It-Tribunal Industrijali wara li kkunsidra l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatt u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li Sebastian Beets gie mkecci ngustament.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi billi jilqa' dan l-appell u jordna lis-socjeta' S4L Group Limited thallas is-somma ta' erbghin elf ewro (€40,000) li jirraprezenta l-commission mhux imhallsa, l-pagi dovuti, leave li ma hax, il-bonus tal-Gvern li ma hax, n-notice money u l-kumpens tat-tkeccija ngusta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' ntimata".*

4. Wara dan il-kumpanija Ntimata ressqet appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) motivat kif gej:-

   1. *It-Tribunal iddecieda l-kaz fil-meritu meta suppost is-sentenza kellha titratta l-ewwel eccezzjoni.*

   2. *It-Tribunal injora l-fatt li fiz-zmien in kwistjoni l-appellat ma kienx impjegat mall-kumpannija appellanti izda ma' kumpanija terza. Il-gurisdizzjoni tat-Tribunal hi bejn l-impjegat u l-principal, u f'dan il-kaz ma kienx hemm relazzjoni simili bejn il-kontendenti.*

   3. *It-Tribunal ittratta materja ta' hlas ta' kummissjoni u affarijiet ohra li ma jikkoncernawhx, li fil-fatt qeghdin jigu trattati quddiem qrati ohra u njora ghal kollox il-principju tal-lis alibi pendens.*

5. Hawn il-Qorti ta' l-Appell, wara li rriferiet ghat-twegiba tal-Appellat (26 ta' Gunju, 2015) fejn ta r-ragunijiet ghala l-appell m'ghandux jigi mismugh u wara li gharblet l-atti, osservat li mill-verbali tas-seduti tat-Tribunal minnha ndikati t-Tribunal kellu jaghti l-ewwel decizjoni fuq l-eccezzjoni preliminari. Dan hu konfermat ukoll minn noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet dwar il-punt preliminari kif ukoll mix-xhieda *viva voce*. Hawn il-Qorti qieset bhala ezempju x-xhieda ta' Jonathan Burgess u ta' Michael Leonard.

6. Imbaghad il-Qorti spiccat tikkunsidra dan:-

   *Minflok it-Tribunal illimita ruhu biex jaghti decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni, ta decizjoni fil-meritu meta kien ghadu ma wasalx l-istadju tas-smiegh tal-provi dwar x'wassal ghat-tkeccija. Il-Qorti tinnota wkoll li ghalkemm f'dik il-parti tad-decizjoni ntestata 'Konsiderazzjonijiet' it-Tribunal ghamel riferenza ghall-ewwel eccezzjoni, fil-parti dispozittiva m'hemmx riferenza ghaliha.*

7. Dik il-Qorti, b'sentenza tal-14 t'Ottubru, 2015, ikkonkludiet u ddecidiet billi laqghet l-ewwel aggravju u **hassret id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tal-11 ta' Mejju, 2015, u baghtet lura l-atti lil dan it-Tribunal**.

8. It-Tribunal, kif issa presedut ezamina l-atti kollha, senjatament dak li rrizulta quddiemu kif diversament presedut. Dana sew fir-rigward tax-xhieda *viva voce* kif ukoll fejn jidhlu sottomissjonijiet taz-zewg nahat.

9. Hawn ghandna zewg kumpaniji distinti minn xulxin, jigifieri l-S4L Group Limited (il-kumpanija Ntimata odjerna) u l-ohra Aspiriti Recruitment JCT (kumpanija barranija) li mhiex fil-kawza. Xi qrubija bejn iz-zewg kumpaniji li seta' kien ma tbiddilx dan l-istat ta' fatt. Issa t-Tribunal iqis li r-Rikorrent, bir-rieda tieghu, ghadda minn kumpanija (dik Intimata registrata f'Malta) ghal ma kumpanija ohra li mhiex fil-kazwa u hi barranija. It-Tribunal, bla htiega ta' ripetizzjoni jirriferi ghal dak kollu migbur fl-atti u li ma jhalli ebda dubju dwar il-fehma tat-Tribunal. Hekk iqis inekwivokament. Biex tghaddi minn relazzjoni ma "employer" ghal ma' iehor hi kwistjoni ta' fatt u mhux mehtieg, *sine qua non* li tkun ga bdejt il-hidma tieghek, ga bdejt tesplita hidmietek mat-tieni wiehed.

Meqjus dan kollu it-Tribunal **jiddeciedi** billi jastjeni ruhu milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz. Jigi carat li dan qed jigi deciz bla pregudizzju ghal kull azzjoni ohra talvolta spettanti lir-Rikorrent Jean Sebastian Beets, *si et quatenus.*

(Iffirmat)
Av. Yana Micallef Stafrace
Chairman

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**